# QORTI TA' L-APPELL
## (SEDE INFERJURI)

## IMHALLEF

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002.**

**Numru 7**

**Cit. Nru. 746/98MM**

**Agatha Formosa Gauci, Carmelina mart Robert Debattista, u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2001 l-atti gew trasfuzi f'isem Dottor Francis Lanfranco stante l-mewt ta' Carmelina Debattista fil-mori tal-kawza, Mario Galea Testaferrata, Alfred Victor u Carmelo ahwa Sant Fournier, il-Perit Richard England, il-Markiza Beatrice Cremona Barbaro mart il-Professur John J. Ceremona, u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2001 l-atti gew trasfuzi f'isem il-Prim Imhallef Emeritus il-Professur John J. Cremona ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefra Tabiba Dottor Anne Abrahams, il-Markiz Avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro of St. George, u Mary Samut Tagliaferro mart it-Tabib Dottor John, stante l-mewt ta' l-istess Markiza Beatrice Cremona Barbaro fil-mori tal-kawza, Mary mart James Gollcher, Gladys mart Anthony Zammit Tabona u l-Avukat John Bugeja Caruana bhala prokuratur tal-imsifrin Edwina mart il-Kurunell David Urquahart Pollit u Cecilia mart Pierre Bellier u l-istess zwiegithom (fejn applikabbli) Robert Debattista, Lilian, Dolly u Rita Sant Fournier, Miriam England,**

**il-Professur John J. Cremona, James Gollcher, Anthony Zammit Tabona u l-Avukat John Bugeja Caruana ukoll bhala prokuratur tal-imsifrin Kurunell David Urqauhart Pollit u Pierre Bellier u dawn lkoll ghal kull interess li jista' jkollhom**

**vs**

**Pasquale Pulis u martu Doris Pulis ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-atturi tat-18 ta' Settembru 2001 fejn talbu li t-tahrika mahruga mill-appellanti lil Agatha Formosa Gauci tigi sfilzata, li l-istess Agatha Formosa Gauci tigi ezonerata milli tidher quddiem din il-Qorti fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2001 fid-9.30 a.m., u li l-appell odjern jigi dikjarat dezert ai fini u effetti kollha tal-ligi;

Rat id-digriet ta' din l-istess Qorti diversament presjeduta tad-19 ta' Settembru 2001 fejn ordnat li l-istess rikors jigi notifikat lill-Avukat tal-kontro-parti bi zmien gimgha ghar-risposta;

Rat li l-istess rikors gie debitament notifikat lill-Avukat tal-kontro-parti, cioe` ta' l-appellanti, fis-27 ta' Settembru 2001 izda li ma saret l-ebda risposta ghall-istess rikors;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2001 l-imsemmija Agatha Formosa Gauci ma dehritx u ghalhekk giet misjuba hatja ta'disprezz, ikkundannata Lm30 multa u gie ordnat il-hrug ta' mandat ta' skorta kontra taghha ghas-seduta sussegwenti;

Rat li r-rikors fuq imsemmi baqa' ma giex definittivament dekretat u difatti fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2002 din il-Qorti kif presjeduta giet mitluba tipprovdi definittivament dwar l-istess rikors;

Ikkunsidrat illi:-

Il-Qorti mhijiex se tikkunsidra l-ewwel zewg talbiet kontenuti fir-rikors li jirreferu ghal seduta partikolari li diga` ghaddiet, dik tad-9 ta' Ottubru 2001, u ghalhekk se tghaddi biex tikkunsidra t-tielet talba, dik biex dan l-appell jigi dikjarat bhala dezert. Dan huwa possibbli jekk jirrizultaw ic-cirkostanzi prospettati mill-artikolu 963 tal-Kap 12.

Skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 963, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 416 u 420 (li mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern), il-procedura bil-miktub f''kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-qorti ta' grad ta' appell **"fiz-zmien perentorju ta' sena"**. Skond is-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu dan il-perijodu jibda ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors ta' l-appell ghat-thassir jew tibdil tas-

sentenza appellata. Is-subartikolu (4) imbaghad jipprovdi li l-proceduri bil-miktub ghandhom jitqiesu maghluqa kemm-il darba l-parti li ma tkunx giet innotifikata b'att mehtieg ghall-eghluq tal-process, tidher waqt is-smiegh tal-kawza u ma taghtix l-eccezzjoni li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa u tghaddi jew xjentement thalli lil haddiehor jghaddi ghal atti ohra bla ma taghti dik l-eccezzjoni.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-atturi qeghdin iqajmu tali eccezzjoni permezz tar-rikors in ezami fejn qeghdin isostnu li l-appellanti naqsu milli jaghmlu d-debiti notifiki tar-rikors ta' l-appell.

Minn ezami ta' l-atti jirrizulta li r-rikors ta' l-appell gie pprezentat fit-18 ta' Marzu 1999. Dan gie notifikat fl-14 ta' Gunju 1999 f'idejn "il-maid Rose Cutajar". Permezz ta' nota guramentata ta' l-atturi u kkonfermata minn Mario Galea Testaferrata fit-23 ta' Gunju 1999, jirrizulta li l-purtier mar fl-indirizz 29 Villegaignon Street, Mdina fejn jabita Nicholas Jensen Testaferrata (li mhuwiex wiehed mill-atturi) u halla r-rikors mas-seftura tieghu. Dan Jensen Testaferrata ghadda l-kopja tar-rikors lil Mario Galea Testaferrata. Minn dan jidher car li n-notifika ma kenitx regolari u valida skond il-ligi.

Fit-22 ta' Ottubru 1999 l-appell gie trattat u mholli ghas-sentenza ghat-3 ta' Dicembru 1999. F'din id-data din il-Qorti diversament presjeduta

osservat li ma setghetx tghaddi ghas-sentenza peress li mill-atti processwali deher li l-process ta' notifika mhux kompletat. Ghalhekk iddifferiet l-appell biex issir il-verifika dwar in-notifika ghat-13 ta' Jannar 2000. Notifika baqghet ma saritx.

Fit-3 ta' April 2001 din il-Qorti diversament presjeduta ordnat li jigu mharka personalment Agatha Formosa Gauci u l-appellati l-ohra kollha u ordnat lill-avukat difensur ta' l-appellati biex fi zmien gimgha jipprezenta nota fir-registru ta' din il-Qorti bl-indirizzi ta' kull wiehed mill-appellati. Din in-nota giet ipprezentata fl-20 ta' April 2001.

Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2001, wara li l-Qorti kienet hadet konjizzjoni tan-nota, ordnat lill-appellant biex sas-seduta ta' wara jerga' jipprova jinnotifika r-rikors ta' l-appell lil Agatha Formosa Gauci u lill-appellati l-ohra fl-indirizz 12 Villegaignon Street, Mdina.

Fis-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2001 il-Qorti nnotat li nonostante l-verbal tas-seduta precedenti, ma kien sar l-ebda tentattiv biex issir in-notifika kif indikat u giet differita ghall-ahhar darba ghan-notifika ghad-9 ta' Ottubru 2001. Minflok ma nhareg ir-rikors ghan-notifika pero`, l-appellanti pprezentaw l-ingunzjoni ghat-tahrika ta' Agatha Formosa Gauci bhala xhud.

Sallum, aktar minn tliet snin wara li gie pprezentat ir-rikors ta' l-appell, jirrizulta li l-appellati ghadhom mhumiex notifikati bir-rikors ta' l-appell. Hadd minnhom ma ta ruhu b'notifikat bl-istess rikors. Nonostante diversi ordnijiet tal-Qorti dwar kif kellu jipprocedi l-andament ghan-notifika ta' l-appellati, baqghu ma ttihdux passi da parti ta' l-appellanti. L-ingunzjoni li nharget kontra Agatha Formosa Gauci zgur ma tistax isservi ta' notifika tar-rikors ta' l-appell. In-nota bl-indirizzi ta' l-appellati giet ipprezentata aktar minn sena ilu (20 ta' April 2001). L-ordni tal-Qorti biex l-appellant "jipprova jinnotifika r-rikors ta' l-appell tieghu lil Agatha Formosa Gauci u l-appellati l-ohra kif jidhru fl-atti u fl-istess kwalitajiet fl-indirizz 12 Villegaignon Street, Mdina", saret aktar minn sena ilu (22 ta' Mejju 2001). Nonostante cio` ma sar l-ebda tentattiv da parti ta' l-appellanti biex issir in-notifika opportuna.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ssib li l-proceduri bil-miktub baqghu ma nghalqux fiz-zmien skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:-

Tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors imsemmi tat-18 ta' Settembru 2001 u tiddikjara l-appell dezert. Bl-ispejjez ghall-appellanti.